AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2543

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Settembru, 2026, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 15 ta' Diċembru, 2026 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-mezzanin bin-numru ħdax (11) u bl-isem Sunflower, mingħajr l-arja tiegħu, li jinsab fit-tieni sular (first floor level) sovrapost għal beni tal-Awtorità tad-Djar formanti parti minn blokk mingħajr numru, iżda mmarkat bl-ittri 'BG G' fil-qasam tad-Djar tal-Gvern, Belt il-Ġmiel, L-Imtarfa, u jmiss il-blokk kollu min-Nofsinhar ma' triq pubblika qabel bla isem issa Triq in-Narċis, minn fejn il-blokk għandu aċċess u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Gvern ta' Malta jew l-aventi kawża tiegħu waqt illi l-mezzanin huwa aċċessibbli min-naħa tan-Nofsinhar mill-imsemmija triq u jmiss mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Awtorità tad-Djar, liberu u frank bid-drittijiet u l-ġustajiet kollha tiegħu u li tinkludi wkoll id-daħla ta' taħt it-taraġ li tifforma parti integrali mill-mezzanin numru ħdax tal-kejl ta' tnejn punt ħamsa sitta metri kwadri (2.56mk) li tinsab fit-tieni sular tal-imsemmi blokk u tikkonfina mil-Lvant ma' beni ta' Emanuel Carabott jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-Awtorità tad-Djar jew l-aventi kawża tagħhom u stmat li jiswa tliet mitt elf ewro (€300,000)

Sid il-mezzanin għandu jerfa' sehmu mill-manutenzjoni tal-partijiet komuni (ċoè 1/17 sehem) minbarra s-sistema ta' drenaġġ li qiegħda bin-nofs filwaqt illi l-bejt huwa komuni biss fis-sens illi s-sidien li mhumiex fl-aħħar sular għandhom biss aċċess biex jagħmlu aerial tat-televixin u tank tal-ilma u għall-manutenzjoni tagħhom. L-arja tibqa' ta' terzi.

U dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono tal-31 ta' Ottubru, 1985, inkwantu l-mezzanin permezz ta' liema Emanuel Carabott kien akkwista l-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjetà appartjenenti lil Emanuel Carabott u kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Sandra Farrugia tal-5 ta' Lulju, 1994, inkwantu d-daħla permezz ta' liema Emanuel Carabott flimkien mal-intimata Carabott, akkwistaw il-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjetà.

By decree given by the Civil Court First Hall on the 30th September, 2026, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 15th December, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The maisonette numbered number eleven (11) and named Sunflower, without its airspace, situated on the first floor level, overlying property of the Housing Authority and forming part of the block without number, marked by letters 'BG G' in the Government Housing Estate, Belt il-Ġmiel, Mtarfa, as bounded the said block on the South by an unnamed public road previously without name and currently Triq in-Narcis, from which the said block is accessible, and on all other compass points by property of the Government of Malta or its successors in title, while the maisonette is accessible from the South from the said street and is bounded on all other compass points by property of the Housing Authority, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and including also the part underneath the staircase which forms an integral part of the maisonette number eleven, measuring two point five six square metre (2.56sqm) situated on the first floor level of the said block and is bounded East with property of Emanuel Carabott or his successors in title and from all other correct boundaries with property of the Housing Authority or its successors in title and is valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The owner of the maisonette is responsible for his share in the maintenance of the common parts (therefore 1/17 share) apart from the drainage system which is divided in half, while the roof is only in common in the sense that the owners that aren't at the last floor have only access to install a television aerial and water tank and for their maintenance. The airspace remains of third parties.

And this as better described in the acts of Notary Myriam Spiteri Debono dated 31st October, 1985, regarding the maisonette by which Emanuel Carabott had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott had inherited the half undivided share of this property belonging to Emanuel Carabott and as better described in the acts of Notary Sandra Farrugia dated 5th July, 1994, regarding the part underneath the staircase by which Emanuel Carabott together with the respondent Carabott, had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott has inherited the half undivided share of this property.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carabott Glen (KI 357480M) u b'digriet datat 22 ta' Settembru, 2023, ġew maħturin bħala kuraturi deputati Dott. Leontine Calleja u PL Veronica Rossignaud sabiex jirrappreżentaw il-werrieta mhux magħrufa tal-mejta Maria Assunta Carabott (KI 514641M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 25/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, l-1 ta' Ottubru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Carabott Glen (ID 357480M) and by decree dated 22nd September, 2023, Dr Leontine Calleja and LP Veronica Rossignaud were nominated as deputy curators to represent the unknown heirs of the deceased Maria Assunta Carabott (ID 514641M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 25/2023.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 1st October, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2544

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Ladeloch Limited vs Josephine Bianco, Rikors numru 63/2026JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Josephine Bianco a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Ladeloch Limited (C13541) vs Josephine Bianco (KI 655654M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-18 ta' Frar, 2026, ir-rikorrenti Ladeloch Limited (C13541) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata Josephine Bianco ai termini ta' dak illi jiddisponi l-artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. F'każ illi l-intimata tissodisfa l-kiriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jiddikajra u jiddeċiedi illi l-kera tal-fond fuq imsemmi, għandha tiġi riveduta għal ammont illi ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur tal-fond liberu u frank tas-suq miftuħ, u jekk ikun il-każ, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

3. Jordna li għandha tibda titħallas lis-soċjetà rikorrenti tali kera;

4. F'każ illi l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jagħti rimedju ai termini tas-subartikolu (4) tal-artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż ordni illi l-intimata m'għandhiex jedd tibqa' ġġedded il-lokazzzjoni u li għandha tiżgombra mill-fond fi żmien prefiss minn dan l-Onorabbli Bord kif ukoll li l-intimata għandha tħallas kumpens sad-data effettiva tal-iżgumbrament tagħha mill-fond.

By means of a decree of the 22nd June, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Ladeloch Limited vs Josephine Bianco, Application number 63/2026JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Josephine Bianco in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Ladeloch Limited (C 13541) vs Josephine Bianco (ID 655654M), filed in the Rent Regulation Board, on the 18th February, 2026, the applicant Ladeloch Limited (C13541) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that the means test of the respondent Josephine Bianco be carried out in terms of Article 4A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. In case the respondent satisfies the criteria of the income and capital of the means test, declare and decide that the rent of the premises above mentioned, shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered value of the premises open market, and if the case may be, new conditions shall be established as regards the lease;

3. Order that such rent be paid to the applicant company;

4. In case the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, give a remedy in terms of subarticle (4) of Article 4A of Cap 69 of the Laws of Malta, including an order that the respondent is not entitled to continue to renew the application and that she is to vacate the premises within a period fixed by this Honourable Board as well as that the respondent is to pay compensation till the effective date of her eviction from the premises.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: 40/1, Main Street, Ħal Balzan

Notifika intimata: Josephine Bianco, 41 Triq id-Dejma, Il-Fgura

Ir-rikors fl-ismijiet Ladeloch Limited vs Josephine Bianco, Rikors numru 63/2026JG, jinsab differit għas-16 ta' Ottubru, 2026, fid-9.35 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Applicant: 40/1, Main Street, Ħal Balzan

Notification respondent: Josephine Bianco, 41 Triq id-Dejma, Fgura

The application in the names Ladeloch Limited vs Josephine Bianco, Application number 63/2026JG, has been postponed for hearing to the 16th October, 2026, at 9.35 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2545

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Lulju 2026, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Claude Grima et vs Carmel Formosa et, Rikors Nru 53/2025VP, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Carmel Formosa u Josephine Formosa a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Claude Grima (KI 209574M), Doriette Rizzo Naudi (KI 523458M), Lucy-Anne sive Lucienne Selvagi (KI 0180761M) Maryanne sive Miriam Vella (KI 846547M), Agostina sive Ina Cini (KI 809249M), Angela sive Gillian Gauci Borda (KI 469153M), Simon Grima (KI 483466M), Anjelica Ellul (KI 295469M), Edward Grima Baldacchino (KI 384167M), Gordon Grima Baldacchino (KI 322269M), Vanessa Frazier (KI 322369M), Carmel sive Charles Grima (KI 117338M), Joseph Brownrigg (KI 0731340M), Alessandra Spiteri (KI 3311162M), Angelo Grima (KI 135264M) u Victoria Grima (KI 624843M) vs Carmel Formosa (KI 196549M) u Josephine Formosa (KI 228958M) pprezentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fit-2 ta' Diċembru 2025, ir-rikorrenti Claude Grima et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jistabilixxi kundizzjonijiet godda rigward għall-ħlas tal-kera fuq il-proprjetà Tat-Torba sive Tal-Kotob, fi Triq Marsaxlokk, limiti taz-Zejtun u jordna illi l-kera għandha tigi riveduta għal-massimu provdut fil-ligi; u

2. Jordna lill-intimati jibdew jħallsu dik il-kera hekk stabbilita mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-artikolu 3(2) tal-Kap. 199, mid-data tar-rikors odjern jew minn kwalunkwe data oħra hekk stabbilita għal zmien tmien snin, skont l-istess artikolu fil-ligi.

3. Jagħti dawk l-ordnijiet l-oħra kollha meħtiega.

By means of a decree of the 3rd July 2026 of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Claude Grima et vs Carmel Formosa et, Application Number 53/2025SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Carmel Formosa and Josephine Formosa in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Claude Grima (ID 209574M), Doriette Rizzo Naudi (ID 523458M), Lucy-Anne sive Lucienne Selvagi (ID 0180761M), Maryanne sive Miriam Vella (ID 846547M), Agostina sive Ina Cini (ID 809249M), Angela sive Gillian Gauci Borda (ID 469153M), Simon Grima (ID 483466M), Anjelica Ellul (ID 295469M), Edward Grima Baldacchino (ID 384167M), Gordon Grima Baldacchino (ID 322269M), Vanessa Frazier (ID 322369M), Carmel sive Charles Grima (ID 117338M), Joseph Brownrigg (ID 0731340M), Alessandra Spiteri (ID 3311162M), Angelo Grima (ID 135264M) and Victoria Grima (ID 624843M) vs Carmel Formosa (ID 196549M) and Josephine Formosa (ID 228958M) filed in the Rural Leases Control Board, on the 2nd December 2025, the applicants Claude Grima et requested this Honourable Board to:

1. Establish new conditions regarding the payment of rent on the property Torba sive Tal-Kotob, in Triq Marsaxlokk, limits of Zejtun and order that the rent be revised to the maximum provided by law; and

2. Order the respondents to start paying the rent so established from the date of coming into force of Article 3 (2) of Cap. 199, from the date of the present application or from any other date so established for eight years, according to the same Article at law.

3. Give all other necessary orders.

Bl-imgħax legali fejn applikabbli, u bl-ispejjeż kontra l-intimat.

rikorrenti: Il-Herza, Triq Ħal Resqun, il-Gudja.

Intimati Carmel u Josephine Formosa – 89, Triq Santu Kristu, Zejtun.

Ir-rikors fl-ismijiet Claude Grima et vs Carmel Formosa et, rikors numru 53/2025VP jinsab differit għad-19 ta' Ottubru 2026 fid-9.30a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With legal interest where applicable, and with costs against the respondent.

Applicant: : Il-Herza, Triq Ħal Resqun, il-Gudja.

respondentt: 94, Il-Girna, Triq il-Kastellan, Zejtun.

The application in the names Claude Grima et vs Carmel Formosa et, Application Number 53/2025VP has been postponed for hearing to the 19th October 2026 at 9.30a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2546

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Ġunju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Maria Sonia Pourrut et vs Mary Doris Bugeja, Rikors numru 136/2026JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Doris Bugeja a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Maria Sonia Pourrut (KI 134570M), Antonia Briffa (KI 590458M), Stephen Mallia (KI 276867M), Anglu sive Angelo Mallia (KI 7556M), Patrick Mallia (KI 359657M), David Mallia (KI 359557M), Anthony Mallia (KI 71766M), Maxine Ruth Mallia (passaport tar-Renju Unit numru 149975736), Theresa Canataci (KI 629642M), Alfred Mallia (KI 821145M), Emma Xuereb (KI 88206L), Doreen Camilleri (KI 532164M), Anna Maria Al-Kalbash (KI 570776M), Michael Mallia (KI 414469M), Daniel Mallia (KI 508071M), Anton Mallia (KI 73975M), Mario Camilleri (KI 412257M), Walter Camilleri (KI 632563M), Brian Camilleri (KI 217067M), George Camilleri (KI 491472M), Carmela sive Carmen Galea (KI 450056M), Josephine Scicluna (KI 576858M), Pauline Bugeja (KI 489465M), Mario Bugeja (KI 570474M), Anthony Bugeja (KI 346060M), Mary Campbell (KI 654139M), Ricky Mallia (passaport tar-Renju Unit numru 515394983), Paul Mallia (passaport tar-Renju Unit numru 575213040), Maria Antonia Mallia Barker (passaport tar-Renju Unit numru 531862528), Stephen Micallef (KI 306915L), Anthony Micallef (passaport tar-Renju Unit numru 127154266), Lena Marie Cresci (passaport tar-Renju Unit numru 529979629) u Jackie Mallia (passaport tar-Renju Unit numru 143348444) vs Mary Doris Bugeja (KI 858949M) ippreżentaw fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-16 ta' April, 2026, fejn ir-rikorrenti Maria Sonia Pourrut et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

By means of a decree of the 15th June, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Maria Sonia Pourrut et vs Mary Doris Bugeja, Application number 136/2026JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Doris Bugeja in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Maria Sonia Pourrut (ID 134570M), Antonia Briffa (ID 590458M), Stephen Mallia (ID 276867M), Anglu sive Angelo Mallia (ID 7556M), Patrick Mallia (ID 359657M), David Mallia (ID 359557M), Anthony Mallia (ID 71766M), Maxine Ruth Mallia (United Kingdom passport number 149975736), Theresa Canataci (ID 629642M), Alfred Mallia (ID 821145M), Emma Xuereb (ID 88206L), Doreen Camilleri (ID 532164M), Anna Maria Al-Kalbash (ID 570776M), Michael Mallia (ID 414469M), Daniel Mallia (ID 508071M), Anton Mallia (ID 73975M), Mario Camilleri (ID 412257M), Walter Camilleri (ID 632563M), Brian Camilleri (ID 217067M), Carmela sive Carmen Galea (ID 450056M), Josephine Scicluna (ID 576858M), Pauline Bugeja (ID 489465M), Mario Bugeja (ID 570474M), Anthony Bugeja (ID 346060M), Mary Campbell (ID 654139M), Ricky Mallia (United Kingdom passport number 515394983), Paul Mallia (United Kingdom passport Number 575213040), Maria Antonia Mallia Barker (United Kingdom passport number 531862528), Stephen Micallef (ID 306915L), Anthony Micallef (United Kingdom passport number 127154266), Lena Marie Cresci (United Kingdom passport number 529979629) and Jackie Mallia (United Kingdom passport number 143348444) vs Mary Doris Bugeja (ID 858949M) filed in the Rent Regulation Board, on the 16th April, 2026, the applicants Maria Sonia Pourrut et requested this Honourable Board why it should not:

1. Jagħti l-permess lir-rikorrenti jieħdu lura l-pussess tal-fond bin-numru 76, St Mary, Triq Cikku Bonaci, Birkirkara, u jordna għar-raġunijiet hawn fuq premessi l-iżgumbrament tal-intimata mill-istess fond u jipprefiġġi żmien qasir u perentorju li fih l-intimata għandha tivvaka mill-istess fond, dan ai termini tal-artikolu 9(a) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Bit-tkomplija għat-talba preċedenti, jordna lill-istess intimata sabiex fi żmien stabbilit minn dan l-Onorabbli Bord tneħħi dak kollu li huma ħwejjiġha u tagħti lura l-pussess battal tal-istess fond fl-istess stat tajjeb illi kien mgħoddi lilha, u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jieħdu lura l-pussess tal-fond de quo;

3. Kontestwalment, jillikwida bil-ħatra ta' periti nominadi jekk ikun meħtieġ, somma ekwivalenti għad-danni komplessivi sofferti mir-rikorrenti, rappreżentanti xogħlijiet u manutenzjoni inkluż dawk ta' natura strutturali tal-fond surriferit kawża tat-traskuragni u negliġenza tal-inkwilina;

4. Bit-tkomplija għat-talba preċedenti, tordna lill-intimata tħallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvota tiġi preżentatata.

Rikorrenti: c/o Maria Sonia Pourrutt et, 18 Adonis Crt, Fl. 2, Triq San Ġorġ, Santa Venera

Notifika: intimata: Mary Doris Bugeja, 76, St Mary, Triq Ċikku Bonaci, Birkirkara

Ir-rikors fl-ismijiet Maria Sonia Pourrut et vs Mary Doris Bugeja, Rikors numru 136/2026JG, jinsab differit għas-7 ta' Ottubru, 2026, fid-9.50 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Give permission to the applicants to take back possession of the premises with number 76, St Mary, Triq Ċikku Bonaci, Birkirkara, and order for the reasons above premised the eviction of the respondent from the same premises and impose a short and peremptory period within which the respondent is to vacate from the same premises, this in terms of Article 9 (a) of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Following the previous demand, order the same respondent so that within the time established by this Honourable Board she removes all her belongings and returns the vacant possession of the same premises in the same good state which was passed on to her, and authorise the applicants to take back possession of the premises de quo;

3. At the same time, liquidate with the appointment of nominated architects if necessary, a sum equivalent to the total damages suffered by the applicant, representing works and maintenance including those of a structural nature of the premises above referred to due to the negligence and negligence of the lessee;

4. Following the previous demand, order the respondent to pay the sum so liquidated.

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made and without prejudice to any other action that may be filed.

Applicant: c/o Maria Sonia Pourrut et, 18 Adonis Crt, Fl. 2, Triq San Ġorġ, Santa Venera

Notification respondent: Mary Doris Bugeja, 76, St Mary, Triq Ċikku Bonaci Birkirkara

The application in the names Maria Sonia Pourrut et vs Maria Doris Bugeja, Application number 132/2026JG has been postponed for hearing to the 7th October, 2026, at 9.50 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2547

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Mejju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Icuag Limited vs Kevin Portanier et, Rikors numru 115/2026CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Kevin Portanier u Jacqueline Portanier Watts a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 8th May, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Icuag Limited vs Kevin Portanier et, Application number 115/2026CZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Kevin Portanier and Jacqueline Portanier Watts in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Icuag Limited (C9831) vs Kevin Portanier (KI 90570M) u Jacqueline Portanier Watts (KI 600759M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-6 ta' April, 2026, ir-rikorrenti Icuag Limited (C9831) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jwettaq it-test tal-mezzi tal-konjuġi Portanier li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġa taħt Artikolu 1531F u 1622A tal-Kodiċi) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwixxuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-konjuġi Portanier bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2025, u fuq il-kapital tal-istess konjuġi Portanier fil-31 ta' Diċembru, 2025;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond bin-numru 39 ġja mingħajr numru bl-isem Christie Flat 7, Triq l-Isqof F.S. Caruana, L-Imsida, mill-1 ta' Jannar, 2026, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u fin-nuqqas jekk l-intimati konjuġi Portanier ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi li l-intimati Portanier jiġu permessi żmien ħames snin sabiex il-fond jiġi vakat, oltre li jħallsu kumpens pagabbli lis-sidien rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li jammonta għad-doppju tal-kirja li kienet tkun pagabbli skont l-Artikoli 12 u 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dan skont il-kera li kellha tkun viġenti ai termini tal-Att X tal-2009 li m'għandhiex tiġi kunsidrata inqas mill-kera annwali dovuta fl-1 ta' Jannar, 2025, meta l-istess kera għandha togħla fuq it-tliet snin ta' qabel.

3. Jordna f'każ illi l-intimati konjuġi Portanier ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi l-iżgumbrament tal-istess konujġi mill-fond bin-numru 39 ġja mingħajr numru bl-isem Christie Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, L-Imsida, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord wara ħames snin mis-sentenza sabiex il-fond jiġi vakat.

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Icuag, Triq il-Fies, Ħ'Attard

Notifika intimati: Kevin Portanier u Jacqueline Portanier Watts, 39, Christie, Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, L-Imsida

Ir-rikors fl-ismijiet Icuag Limited vs Kevin Portanier et, Rikors numru 115/2026CZ, jinsab differit għad-9 ta' Ottubru, 2026, fil-11.05 a.m.

By means of an application in the names Icuag Limited (C9831) vs Kevin Portanier (ID 90570M) and Jacqueline Portanier Watts (ID 600759M), filed in the Rent Regulation Board, on the 6th April, 2026, the applicant Icuag Limited (C9831) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order to carry out the means test of the spouses Portanier which shall be based on the means test set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Test Criteriaa issued under Article 1531F and 1622A of the Civil Code) and any regulations which may from time to time replace them, which test shall be based on the income of the spouses Portanier between 1st January and 31st December, 2025, and on the capital of the same spouses Portanier on the 31st December, 2025;

2. Declare and decide that in terms of Act XXVII of 2018, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises with number 39 previously without number with the name Christie Flat 7, Triq L-Isqof F. S. Caruana, Msida, from the 1st January, 2026, and in order to establish new conditions regarding the lease and in default if the respondents spouses Portanier will not satisfy the criteria of income and capital of the means test the respondents Portanier be allowed five years to vacate the premises, besides paying compensation payable to the applicant owners for the occupation of the premises during the said period which amount be double the rent which would have been payable according to Articles 12 and 12A of Cap. 158 of the Laws of Malta and this according to the rent which should have been enforced in terms of Act X of 2009 which shall not be considered less than the annual rent due on 1 January, 2025, when the same rent is to be increased over the previous three years.

3. Order in case the respondents spouses Portanier do not satisfy the criteria of income and capital of the means test the eviction of the same spouses from the premises with number 39 previously without number with the name Christie Flat 7, Triq L-Isqof F. S. Caruana, Msida, within a short and peremptory time established by this Board after five years from the judgement so that the premises be vacated.

With costs and from now the respondents are summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: Icuag, Triq il-Fies, Ħ'Attard

Notification respondent: Kevin Portanier and Jacqueline Portanier Watts, 39, Christie, Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, Msida

The application in the names Icuag Limited vs Kevin Portanier et, Application number 115/2026CZ, has been postponed for hearing to the 9th October, 2026, at 11.05 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 5th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2548

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-1 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors numru 37/2022 fl-ismijiet Gerada Properties Investments Ltd (C95397) vs il-Kummissarju tat-Taxxi, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Gerada Properties Investments Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 37/2022 ippreżentat fid-9 ta' Diċembru, 2025, l-appellant Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva deċiża fit-18 ta' Novembru, 2025, inkwantu l-imsemmi Tribunal ma ħax inkonsiderazzjoni l-fatt li t-tentattiv għan-notifika bil-posta rreġistrata li ntbagħtet fid-9 ta' Novembru, 2021, u li giet irritornata unclaimed fil-29 ta' Novembru, 2021, kien it-tieni tentattiv biex l-avviż ta' likwidazzjoni jiġi nnotifikat. Illi għalhekk isegwi li l-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali fil-11 ta' Novembru, 2021, u fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Novembru, 2021, kienet saret skont il-liġi. Illi l-ewwel tentattiv sabiex l-avviż ta' likwidazzjoni jiġi nnotifikat lis-soċjetà appellanti saret fil-5 ta' Ottubru, 2021, u li ġie rritornat unclaimed lid-Dipartiment fil-23 ta' Ottubru, 2021.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza preliminari tal-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mogħtija fil-10 ta' Ottubru, 2024, u s-sentenza finali datata 18 ta' Novembru 2025, Rikors numru 37/2022VG, fl-ismijiet Gerada Properties Investments Limited vs il-Kummissarju tat-Taxxi u minflok tikkonferma d-deċiżjoni u l-avviż ta' likwidazzjoni Kont numru IV 149892. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata.

Ir-Rikors numru 37/2022 fl-ismijiet premessi jinsab iddifferit għas-7 ta' Ottubru, 2026, fl-9.50 a.m.

Notifika: GCQ Office, Triq il-Markiż Zimmerman Barbaro, Tas-Sliema SLM 3032

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 5 ta' Ottubru, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior jurisdiction, on the 1st July, 2026, in the records of Application number 37/2022 in the names Gerada Properties Investments Ltd (C95397) vs the Commissioner for Revenue, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Gerada Properties Investments Ltd in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By Appeal application number 37/2022 filed on 9th December, 2025, the appellant Commissioner for Tax and Customs felt aggrieved by the decision of the Administrative Review Tribunal decided on the 18th November, 2025, in so far as the said Tribunal did not take into account the fact that the attempt to notify by registered post sent on 9th November, 2021, and returned unclaimed on 29th November, 2021, was the second attempt to serve the notice of liquidation. Thus, it follows that the publication in a local newspaper on the 11th November, 2021, and in the Government Gazette on the 12th November, 2021, was made according to law. The first attempt to notify the liquidation order to the appellant company was made on the 5th October, 2021, and which was returned unclaimed to the Department on the 23rd October, 2021.

Therefore, the appellant respectfully requests that this Honourable Court cancels and revokes the preliminary judgment of the Honourable Administrative Review Tribunal pronounced on the 10th October, 2024, and the final judgment dated 18th November, 2025, Application number 37/2022VG, in the names Gerada Properties Investments Limited vs the Commissioner for Revenue and instead it confirms the decision and the notice of liquidation Account number IV 149892. With costs of both instances against the respondent company.

Application number 37/2022 in the names premised has been deferred to the 7th October, 2026, at 9.50 a.m.

Notification: GCQ Office, Triq il-Markiż Zimmerman Barbaro, Tas-Sliema SLM 3032

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day, 5th October, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2549

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-1 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors numru 38/2022 fl-ismijiet Gerada Properties Investments Ltd (C95397) vs il-Kummissarju tat-Taxxi, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Gerada Properties Investments Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 38/2022 ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2025, l-appellant Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva deċiża fit-18 ta' Novembru, 2025, inkwantu l-imsemmi Tribunal ma ħax inkonsiderazzjoni l-fatt li t-tentattiv għan-notifika bil-posta rreġistrata li ntbagħtet fid-9 ta' Novembru, 2021, u li giet irritornata unclaimed fil-29 ta' Novembru, 2021, kien it-tieni tentattiv biex l-avviż ta' likwidazzjoni jiġi nnotifikat. Illi għalhekk isegwi li l-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali fil-11 ta' Novembru, 2021, u fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Novembru, 2021, kienet saret skont il-liġi. Illi l-ewwel tentattiv sabiex l-avviż ta' likwidazzjoni jiġi nnotifikat lis-soċjetà appellanti saret fil-5 ta' Ottubru, 2021, u li ġie rritornat unclaimed lid-Dipartiment fil-23 ta' Ottubru, 2021.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza preliminari tal-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mogħtija fil-10 ta' Ottubru, 2024, u s-sentenza finali datata 18 ta' Novembru, 2025, Rikors numru 37/2022VG fl-ismijiet Gerada Properties Investments Limited vs il-Kummissarju tat-Taxxi u minflok tikkonferma d-deċiżjoni u l-avviż ta' likwidazzjoni Kont numru IV 149890. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata.

Ir-Rikors numru 38/2022 fl-ismijiet premessi jinsab iddifferit għas-7 ta' Ottubru, 2026, fl-9.50 a.m.

Notifika: GCQ Office, Triq il-Markiż Zimmerman Barbaro, Tas-Sliema SLM 3032

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 5 ta' Ottubru, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior jurisdiction, on the 1st July, 2026, in the records of Application number 38/2022 in the names Gerada Properties Investments Ltd (C95397) vs the Commissioner for Revenue, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Gerada Properties Investments Ltd in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By Appeal application number 38/2022 filed on 9th December, 2025, the appellant Commissioner for Tax and Customs felt aggrieved by the decision of the Administrative Review Tribunal decided on the 18th November, 2025, in so far as the said Tribunal did not take into account the fact that the attempt to notify by registered post sent on 9th November, 2021, and returned unclaimed on 29th November, 2021, was the second attempt to serve the notice of liquidation. Thus it follows that the publication in a local newspaper on the 11th November, 2021, and in the Government Gazette on the 12th November, 2021, was made according to law. The first attempt to notify the liquidation order to the appellant company was made on the 5th October, 2021, and which was returned unclaimed to the Department on the 23rd October, 2021.

Therefore, the appellant respectfully requests that this Honourable Court cancels and revokes the preliminary judgment of the Honourable Administrative Review Tribunal pronounced on the 10th October, 2024, and the final judgment dated 18th November, 2025, Application number 38/2022VG in the names Gerada Properties Investments Limited vs the Commissioner for Revenue and instead it confirms the decision and the notice of liquidation Account number IV 149890. With costs of both instances against the respondent company.

Application number 38/2022 in the names premised has been deferred to the 7th October, 2026, at 9.50 a.m.

Notification: GCQ Office, Triq il-Markiż Zimmerman Barbaro, Tas-Sliema SLM 3032

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day, 5th October, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2550

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru, 2025, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Paul Farrugia vs Rosario Camilleri, Rikors numru 42/2025VP, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Rosario Camilleri

By means of a decree of the 25th October, 2025, of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Paul Farrugia vs Rosario Camilleri, Application number 42/2025VP, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent

a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Paul Farrugia (KI 374157M) vs Rosario Camilleri (KI 970645M) ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fit-22 ta' Ottubru, 2025, ir-rikorrenti Paul Farrugia (KI 374157M) talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XXII tal-2022 jogħġbu jawmenta l-qbiela tal-għalqa indikata magħrufa bħala Tal-Għasafar jew Tal-Ħlantun fil-konfini taż-Żurrieq drabi oħra indikata ta' Ħal Safi skont pjanta Dok. A u kwalsijasi kmamar hemm kostruwiti, liema qbiela m'għandhiex tkun inqas minn €8,000 fis-sena b'riżerva għal kull azzjoni kosituzzjonali oħra li talvolta jistgħu jintavolaw l-istess rikorrenti jekk l-istima tar-raba' u razzett fis-suq mhijiex gradevoli għalihom għaliex ma tkunx stmata skont is-suq liberu.

Rikorrenti: 14, Triq San Leonardu, Ħal Kirkop

Intimat: 47, Sqaq Barċellona, Iż-Żurrieq

Ir-rikors fl-ismijiet Paul Fararugia vs Rosario Camilleri, Rikors numru 42/2025VP, jinsab differit għas-16 ta' Ottubru, 2026, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Rosario Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Paul Farrugia (ID 374157M) vs Rosario Camilleri (ID 970645M) filed in the Rural Leases Control Board, on the 22nd October, 2025, the applicant Paul Farrugia (ID 374157M) requested this Honourable Board so that in terms of the provisions of Article XXII of 2022 increase the agriculture rent of the indicated field known as Tal-Għasafar or Tal-Ħlantun in the vicinity of Żurrieq at other times indicated at Ħal Safi according to plan Doc. A and any rooms there are constructed, which agricultural lease shall not be less than €8,000 per year reserving for any other Constitutional action which may eventually be filed by the same applicant if the valuation of the land and farmhouse on the market is not gratuities for him because it is not estimated according to the free market.

Applicant: 14, Triq San Leonardu, Ħal Kirkop

Respondent: 47, Sqaq Barċellona, Żurrieq

The application in the names Paul Farrugia vs Rosario Camilleri, Application number 42/2025VP, has been postponed for hearing to the 16th October, 2026, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2551

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Lulju, 2026, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anthony Baldacchino vs Gaetano Abdilla, Rikors numru 50/2025VP, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gaetano Abdilla a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anthony Baldacchino (KI 0315936M) vs Gaetano Abdilla (KI 0097652M) ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fit-18 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrenti Anthony Baldacchino talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jordna l-awment fil-kera tal-art ossija raba' magħrufa bħala Il-Kaxxa sive tal-Miksur, fl-arja magħrufa Tal-Ħorfa, limiti tal-Gudja, aħjar indikati fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkat bħala Dok. A li fiha l-kejl ta' ċirka seba' tomniet u nofs (7.57) li hija mqabbla lill-intimat bil-qbiela ta' €100 fis-sena u dan fis-somma ta' €10,500 u/jew somma oħra verjuri kif stabbilita minn dan il-Bord, għall-perjodu ta' tmien snin u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li dan il-Bord jogħġbu

By means of a decree of the 3rd July, 2026, of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Anthony Baldacchino vs Gaetano Abdilla, Application number 50/2025VP, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gaetano Abdilla in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Anthony Baldacchino (ID 0315936M) vs Gaetano Abdilla (ID 0097652M) filed in the Rural Leases Control Board, on the 18th November, 2025, the applicant Paul Farrugia (ID 374157M) requested this Honourable Board to order the increase in the rent of the land or rather land known as Il-Kaxxa sive tal-Miksur, in the area known as Tal-Ħorfa, limits of Gudja, better indicated on the attached plan and marked as Doc A of measuring about seven and a half tumoli (7.57) which is leased to the respondent by the agricultural rent of €100 per year and this in the sum of €10,500 and/or other correct sum as established by this Board, for a period of eight years and this under all those terms and conditions

xieraq u opportun, b'riżerva għal kull azzjoni kostituzzjonali li jista' jintavola l-istess rikorrent jekk l-istima tar-raba' fis-suq mhijiex gradevoli għalih għaliex ma tkunx stmata skont is-suq liberu.

Bl-ispejjeż kollha u bl-interess kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Bir-rizerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent fil-konfront tal-intimat.

Rikorrenti: Dar Ninu, Għaxaq By-Pass, Ħal Għaxaq

Intimat: St Mary Farm, Triq Victor Passmore, Il-Gudja.

Ir-rikors fl-ismijiet Anthony Baldacchino vs Gaetano Abdilla, Rikors numru 50/2025VP, jinsab differit għas-16 ta' Ottubru, 2026, fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that this Board deems fit and opportune, reserving for any constitutional action that the same applicant may file if the valuation of the land on the market is not gratuous to him because it is not determined according to the free market.

With all costs and interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Reserving the right to any further action due to the applicant against the respondent.

Applicant: Dar Ninu, Għaxaq By-Pass, Ħal Għaxaq

Respondent: St Mary Farm, Triq Victor Passmore, Gudja

The application in the names Anthony Baldacchino vs Gaetano Abdilla, Application number 50/2025VP, has been postponed for hearing to the 16th October, 2026, at 11.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2552

Bandu għall-Kuraturi

